**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 28 TA' FRAR, 2002

**Numru: 20**

**Avviz Nru: 1750/01 JB**

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Marco Bugeja u Ray Ciantar it-tnejn flimkien ezercenti l-kummerc taht l-isem Automax**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Lm 164.90c (mija u erbgha u sittin liri Maltin u disghin centezmi) in kwantu ghall-ammont ta' Lm128.90c (mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin u disghin centezmi) bhala bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lil Standard Publications

Limited in rigward ghal servizzi lilhom rezi mis-socjeta’ attrici u dana bejn l-2000 u l- 2001, in kwantu ghal Lm8.50c (tmien liri Maltin u hamsin centezmi) in rigward ghall-spejjez inkorsi skond l-ittra ufficjali prezentata konta l-konvenuti fil- 25 ta’ Gunju, 2001 w in kwantu ghal Lm8.50c (tmien liri Maltin u hamsin centezmu) in rigward ghall-ispejjez inkorsi skond ittra ufficjali pprezentata kontra l-konvenuti fit- 12 ta’ Novembru, 2001 u in kwantu ghar-rimanenti Lm19.00 (dsatax-il lira Maltin) illi huma dovuti bhala spejjez inkorsi skond il-prezentanta ta’ dan l-avviz.

Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lill- Dr. Antonio Tufignio jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici w jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’  Lm 164.90c (mija u erbgha u sittin

lira Maltin u disghin centezmi) rappresentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuti lil Standard Publications Limited in rigward ghal servizzi lilhom rezi mis-socjeta’ attrici u dana bejn l-2000 u l-2001, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**